REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1469

tal-10 ta' Settembru 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 fir-rigward taż-żieda ta' mudell ġdid ta' ċertifikat għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali li joriġinaw fl-Unjoni, li jiġu mċaqalqa lejn pajjiż jew territorju terz u li jiġu mċaqalqa lura lejn l-Unjoni wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiż jew territorju terz, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li joriġinaw fl-Unjoni jew li jirritornaw lejha minn pajjiż terz jew territorju, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni u jirritornaw lejha minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u partikolarment l-Artikoli 230(1), 238(3) u 239(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90, l-ewwel paragrafu, il-punti (a) u (e), u l-Artikoli 126(3) u 127(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli dwar il-mard tal-annimali li huwa trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inklużi rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni uffiċjali tas-saħħa tal-annimali għal diversi movimenti ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali inklużi r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni. Dawk ir-rekwiżiti relatati mad-dħul fl-Unjoni ta' annimali ħajjin, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali huma speċifikati aktar fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([3]).

(2) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tiegħu, fost l-oħrajn, regoli dwar is-sikurezza tal-ikel fl-istadji kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, u r-rekwiżiti tas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali u l-prodotti sekondarji tal-annimali.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.
([2]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 ([4]) jistabbilixxi mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali/tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' annimali, ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali, ta' prodotti komposti, ta' prodotti ġerminali, ta' prodotti sekondarji mill-annimali, ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem u ta' żrieragħ maħsuba għall-produzzjoni ta' nebbieta għall-konsum mill-bniedem

(4) Madankollu, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 ma jinkludi l-ebda mudell ta' ċertifikat biex ikopri d-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-prodotti u l-oġġetti li joriġinaw fl-Unjoni u li jiġu mċaqalqa lejn pajjiż jew territorju terz, u mbagħad jiġu mċaqalqa lura lejn l-Unjoni minn dak il-pajjiż terz jew territorju wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid. Huwa għalhekk meħtieġ li dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jiġi emendat biex jipprevedi t-tali tip ta' mudell ta' ċertifikat u jevita interruzzjonijiet kummerċjali mhux dovuti f'każijiet bħal dawn.

(5) L-Artikolu 229 tar-Regolament (UE) 2016/429 jirrikjedi li l-konsenji ta' annimali, ta' prodotti ġerminali u ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li jidħlu fl-Unjoni jridu jkunu ġejjin minn pajjiż terz jew minn territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati skont l-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(6) Ir-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura. Il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 jipprevedi li kunsinni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jistgħu jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu, elenkati għall-ispeċijiet partikolari ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stipulati f'dak ir-Regolament Delegat.

(7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([5]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom, jew kompartimenti tagħhom fil-każ ta' annimali tal-akkwakultura, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' dawk l-ispeċijiet u l-kategoriji ta' annimali u ta' dawk il-kategoriji ta' prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(8) L-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jipprevedi l-lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali, ta' prodotti ġerminali jew ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li joriġinaw fl-Unjoni u li jirritornaw lejha wara li jkunu ġew ittrasportati minn pajjiż terz jew minn territorju. Jenħtieġ li dak l-Anness jiġi emendat biex jelenka l-pajjiżi jew it-territorji terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li joriġinaw fl-Unjoni li, wara l-ħżin f'dawk il-pajjiżi jew territorji terzi, jiġu mċaqalqa lura lejn l-Unjoni u jassenja l-kundizzjonijiet speċifiċi li jeħtieġ li jiġu ssodisfati f'każijiet bħal dawn.

(9) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi wkoll li l-kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti għandhom jidħlu biss fl-Unjoni minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li jidher fuq lista mħejjija mill-Kummissjoni għal dak l-iskop.

(10) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ([6]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward ta' kundizzjonijiet għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom biex jiġi żgurat li dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti mir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 jew mar-rekwiżiti rikonoxxuti li huma tal-inqas ekwivalenti.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235 tas-16 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) 2016/429 u (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali, mudelli taċ-ċertifikati uffiċjali u mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għad-dħul fl-Unjoni u l-movimenti fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti, ċertifikazzjoni uffiċjali dwar dawn iċ-ċertifikati u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 599/2004, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 636/2014 u (UE) 2019/628, id-Direttiva 98/68/KE u d-Deċiżjonijiet 2000/572/KE, 2003/779/KE u 2007/240/KE (ĠU L 442, 30.12.2020, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali skont ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

(11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ([7]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti oġġetti, li jissupplimentaw il-listi stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404. Sabiex jippermetti d-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat biex jelenka l-pajjiżi terzi jew ir-reġjuni awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' dawn il-prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni li, wara l-ħżin f'dawk il-pajjiżi jew reġjuni terzi, tiġi ttrasportata lura lejn l-Unjoni u tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2019/625.

(12) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235, (UE) 2021/404 u (UE) 2021/405 jiġu emendati skont dan.

(13) Fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.

(14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 30a li ġej jiddaħħal bejn l-Artikoli 30 u 31:

"Artikolu 30a

Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa uffiċjali/tal-annimali għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti oġġetti li joriġinaw fl-Unjoni, jiġu mċaqalqa lejn pajjiż jew territorju terz u jiġu mċaqalqa lura lejn l-Unjoni wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiż jew territorju terz

Iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali msemmi fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 1(3), li jrid jintuża għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li joriġinaw fl-Unjoni, jiġu mċaqalqa lejn pajjiż jew territorju terz u jiġu mċaqalqa lura lejn l-Unjoni wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiż jew territorju terz, għandu jikkorrispondi mal-mudell STORAĠE-TC-PAO mfassal skont il-mudell stabbilit fil-Kapitolu 53 tal-Anness III.";

2. L-Anness III hu emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-Artikolu 26a li ġej jiddaħħal bejn l-Artikoli 26 u 27 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405

"Artikolu 26a

Lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni, jiġu mċaqalqa lejn pajjiż terz jew reġjun tiegħu u jiġu mċaqalqa lura lejn l-Unjoni wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiż terz jew ir-reġjun tiegħu

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

Il-kunsinni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti oġġetti li joriġinaw mill-Unjoni, li jiġu mċaqalqa lejn pajjiż terz jew reġjun tiegħu u jiġu mċaqalqa lura lejn l-Unjoni wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiż terz jew ir-reġjun tiegħu, għandhom jiġu awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni biss jekk jiġu minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni skont l-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 u elenkati fid-Deċiżjoni 2011/163/UE.".

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Settembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-lista taċ-ċertifikati tiżdied kategorija ġdida wara l-entrata ta' "TRANSIT-COMP", bit-titolu "tranżitu mill-Unjoni lejn pajjiż jew territorju terz, sew jekk ikun tranżitu immedjat sew jekk ikun tranżitu wara li l-prodotti komposti jkunu nħażnu fl-Unjoni":

"**il-prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti prodotti li joriġinaw mill-Unjoni, jinġarru lejn pajjiż jew territorju terz u jinġarru lura lejn l-Unjoni wara li jkunu nħattu, inħażnu u tgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiż jew territorju terz**	
STORAGE-TC PAO	Kapitolu 53: Mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-Unjoni, jinġarru lejn pajjiż jew territorju terz, u jerġgħu jinġarru lura lejn l-Unjoni wara l-ħatt, il-ħżin u t-tagħbija mill-ġdid f'dak il-pajjiż jew territorju terz"

2. Jiddaħħal il-Kapitolu 53 li ġej wara l-Kapitolu 52:

"Kapitolu 53

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT tas-saħħa tal-annimali/taċ-ċertifikat uffiċjali għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti li JORIĠINAW MILL-ANNIMALI U TA' ĊERTI PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-UNJONI, JINĠARRU LEJN PAJJIŻ JEW TERRITORJU TERZ, U JERĠGĦU JINĠARRU LURA LEJN L-UNJONI wara l-ħatt, il-ħżin u t-tagħbija mill-ġdid f'Dak Il-Pajjiż Jew Territorju Terz (MUDELL STORAGE-TC-PAO)

PAJJIŻ				**ċertifikat għad-dħul fl-UE**	
Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna	**I.1**	**Konsenjatur/Esportatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.2**	**Referenza taċ-ċertifikat**	**I.2a** **Referenza tal-IMSOC**
			I.3	**Awtorità Kompetenti Ċentrali**	**KODIĊI QR**
			I.4	**Awtorità Kompetenti Lokali**	
	I.5	**Konsenjatarju/Importatur** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.6**	**Operatur responsabbli mill-kunsinna** Isem Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.7	**Pajjiż tal-oriġini** / Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.9**	**Pajjiż tad-destinazzjoni** / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.8	**Reġun tal-oriġini** / Kodiċi	**I.10**	**Reġjun tad-destinazzjoni** / Kodiċi	
	I.11	**Post tad-dispaċċ** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	**I.12**	**Post tad-destinazzjoni** Isem / Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni Indirizz Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż	
	I.13	**Post tat-tagħbija**	**I.14**	**Data u ħin tat-tluq**	

I.15	**Mezz tat-trasport** ☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment ☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq Identifikazzjoni	**I.16**	**Post tal-Kontroll fil-Fruntiera tad-Dħul**
		I.17	**Dokumenti ta' akkumpanjament** Tip / Kodiċi Pajjiż / Kodiċi ISO tal-pajjiż Referenza tad-dokument kummerċjali

I.18	**Kundizzjonijiet tat-trasport**	☐ F'temperatura ambjentali	☐ F'temperatura mkessħa	☐ Fil-friża

I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**	
	Numru tal-kontenitur	Numru tas-siġill

I.20	**Iċċertifikat bħala jew għal**
	☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem

I.21		**I.22**	☐ **Għas-suq intern**
		I.23	

I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż totali nett/piż gross (f'kg)**

I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi tan-NM	Speċi				
	Maħżen imkessaħ	Marka tal-identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ		Piż nett
		Tip ta' prodott	Għadd ta' pakketti		Numru tal-lott
☐ Konsumatur finali	Data tal-ġbir jew tal-produzzjoni		Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru		

I.19	**Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**				
	Numru tal-kontenitur		Numru tas-siġill		
I.20	**Iċċertifikat bħala jew għal**				
	□ Prodotti għall-konsum mill-bniedem				
I.21			**I.22** □ **Għas-suq intern**		
			I.23		
I.24	**Għadd totali ta' pakketti**	**I.25**	**Kwantità totali**	**I.26**	**Piż totali nett/piż gross (f'kg)**
I.27	**Deskrizzjoni tal-kunsinna**				
Kodiċi tan-NM	Speċi				
		Maħżen imkessaħ	Marka tal-identifikazzjoni	Tip ta' imballaġġ	Piż nett
			Tip ta' prodott	Għadd ta' pakketti	Numru tal-lott
□ Konsumatur finali		Data tal-ġbir jew tal-produzzjoni		Numru tal-approvazzjoni jew tar-reġistrazzjoni tal-impjant/tal-istabbiliment/taċ-ċentru	

PAJJIŻ **Mudell taċ-Ċertifikat STORAGE-TC-PAO**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II. Informazzjoni dwar is-saħħa	**II.a Referenza taċ-ċertifikat**	**II.b Referenza tal-IMSOC**

II.1. Attestazzjoni tas-saħħa

Jiena, il-veterinarju uffiċjali ffirmat hawn taħt, b'dan niċċertifika li l-kunsinna ta' **prodotti li joriġinaw mill-annimali jew ta' prodotti** deskritti fil-Parti I:

II.1.1. toriġina mill-Unjoni u ġiet prodotta fl-Unjoni u kienet eliġibbli għat-tqegħid fis-suq hemmhekk, u

II.1.2. ġiet ippakkjata fl-Unjoni, u l-prodotti li joriġinaw mill-annimali ġew immarkati fl-Unjoni f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, u

II.1.3. hija ddestinata għall-Unjoni, u

II.1.4. ma tbagħbsitx u ma sarilhiex immaniġġjar minbarra l-ħatt, il-ħżin, it-tagħbija mill-ġdid u t-trasport fi [1] ..... u fil-każ tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, inħażnet u nġarret f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

II.2. Attestazzjoni tal-ħżin

Jiena, il-veterinarju uffiċjali ffirmat hawn taħt, b'dan niċċertifika li l-kunsinna ta' **prodotti li joriġinaw mill-annimali jew ta' prodotti** deskritti fil-Parti I:

II.2.1. inħażnet fi stabbiliment(i) approvat(i)/irreġistrat(i), u

II.2.2. tgħabbiet mill-ġdid fl-istabbiliment approvat/irreġistrat taħt is-superviżjoni tal-awtorità kompetenti.

Noti

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-iskop ta' dan iċ-ċertifikat, ir-referenzi għall-Unjoni f'dan iċ-ċertifikat jinkludu r-Renju Unit rigward l-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti koperti miċ-ċertifikati stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235 li joriġinaw minn Stat Membru tal-Unjoni, jinġarru lejn pajjiż terz jew lejn territorju elenkat fl-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bil-kundizzjoni speċifika *"Kunsinni li joriġinaw mill-Unjoni u jinġarru lejn pajjiż jew territorju terz, u jinġarru lura lejn l-Unjoni wara li jkunu nħażnu"* u jinġarru lura lejn l-Unjoni minn dak il-pajjiż jew it-territorju terz wara li jinħattu, jinħażnu u jitgħabbew mill-ġdid.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela skont in-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235.

Parti I:

Kaxxa bin-numru ta' referenza 1.7: Agħti isem il-pajjiż fejn ġew prodotti, immanifatturati jew ippakkjati (b'tikketta li turi l-marka tal-identifikazzjoni) l-prodotti, u l-kodiċi ISO tiegħu.

Parti II:

[1] Kodiċi taż-żona skont il-kolonna 2 tat-tabella stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404; għaż-żoni biss li huma elenkati bil-kundizzjoni speċifika *"Kunsinni li joriġinaw mill-Unjoni u jinġarru lejn pajjiż jew territorju terz, u jinġarru lura lejn l-Unjoni wara li jkunu nħażnu"* fil-kolonna 6 ta' dik it-tabella.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali)

Data Kwalifika u titlu

Timbru Firma".

ANNESS II

L-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huwa emendat kif ġej:

1. Fil-Parti 1, l-entrati tar-Renju Unit, ta' Guernsey, tal-Isle of Man u ta' Jersey huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**GB** ir-Renju Unit	GB-0	Annimali u prodotti ġerminali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692		Mudelli taċ-ċertifikati għall-movimenti fi ħdan l-Unjoni	Minn Stat Membru lejn Stati Membri oħra minn ġor-Renju Unit jew mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu			
			Prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti prodotti koperti miċ-ċertifikati stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235	STORAGE-TC PAO	Kunsinni li joriġinaw mill-Unjoni u jinġarru lejn pajjiż jew territorju terz, u jinġarru lura lejn l-Unjoni wara li jkunu nħattu, inħażnu u tgħabbew mill-ġdid			
GG Guernsey	GG-0	Annimali u prodotti ġerminali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692		Mudelli taċ-ċertifikati għall-movimenti fi ħdan l-Unjoni	Minn Stat Membru lejn Stati Membri oħra minn ġor-Renju Unit jew mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu			
			Prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti prodotti koperti miċ-ċertifikati stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235	STORAGE-TC PAO	Kunsinni li joriġinaw mill-Unjoni u jinġarru lejn pajjiż jew territorju terz, u jinġarru lura lejn l-Unjoni wara li jkunu nħattu, inħażnu u tgħabbew mill-ġdid			

IM Isle of Man	IM-0	Annimali u prodotti ġerminali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692		Mudelli taċ-ċertifikati għall-movimenti fi ħdan l-Unjoni	Minn Stat Membru lejn Stati Membri oħra minn ġor-Renju Unit jew mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu			
			Prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti prodotti koperti miċ-ċertifikati stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235	STORAGE-TC PAO	Kunsinni li joriġinaw mill-Unjoni u jinġarru lejn pajjiż jew territorju terz, u jinġarru lura lejn l-Unjoni wara li jkunu nħattu, inħażnu u tgħabbew mill-ġdid			
JE Jersey	JE-0	Annimali u prodotti ġerminali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692		Mudelli taċ-ċertifikati għall-movimenti fi ħdan l-Unjoni	Minn Stat Membru lejn Stati Membri oħra minn ġor-Renju Unit jew mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu			
			Prodotti li joriġinaw mill-annimali u ċerti prodotti koperti miċ-ċertifikati stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 29 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2235	STORAGE-TC PAO	Kunsinni li joriġinaw mill-Unjoni u jinġarru lejn pajjiż jew territorju terz, u jinġarru lura lejn l-Unjoni wara li jkunu nħattu, inħażnu u tgħabbew mill-ġdid"			

2. Fil-Parti 3 tiddaħħal l-entrata li ġejja wara l-entrata tal-kundizzjoni speċifika “Minn Stat Membru lejn Stati Membri oħra minn ġor-Renju Unit jew mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu” u qabel l-entrata “Aqua - Mir-Russja lejn ir-Russja”:

Kunsinni li joriġinaw mill-Unjoni u jinġarru lejn pajjiż jew territorju terz, u jinġarru lura lejn l-Unjoni wara li jkunu nħattu, inħażnu u tgħabbew mill-ġdid	Kunsinni tal-komoditajiet imsemmija fil-kolonna 4 tal-Parti 1, li joriġinaw mill-Unjoni u jinġarru lejn iż-żona msemmija fil-kolonna 2 tal Parti 1, imbagħad jinġarru lura lejn l-Unjoni wara li jkunu nħattu, nħażnu u tgħabbew mill-ġdid f'dak il-pajjiż jew it-territorju terz, għandhom jingħataw permess li jidħlu fl-Unjoni dment li apparti d-dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna għall-esportazzjoni lejn il-pajjiż jew it-territorju terz, ikunu akkumpanjati mill-mudell taċ-ċertifikati “STORAGE-TC-PAO” stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.”.